# IL-FIDWA TAD-DINJA

*Mill-EDITUR*

*Missieru kien neguzjant; hutu dahlu ghan-negozju u għamlu l-flus. U missierhom kien bniedem hieni għax ra 'l uliedu miġbura u mistaghna. Imma wiehed ... wiehed minnhom baqa' jdejjqu ghax flok ghan-negozju dahal għall-Arti, u mill-Arti qala' ftit—ftit wisq, kemm ighix hażin. Iżżewweġ mara sabiha, u din tatu kemm-il poża artistika għall-ideat tieghu ta' ġmiel idealizzat u tatu wkoll tfal helwin u f'saħħithom — tatu kollox barra flus. Ghax kullma kellu fid-dinja l-kwadri sbieh, frott tal-imaġinazzjoni tieghu, materjalizzazzjoni ta' holm mistiku, xewqat u xenqiet mahruġin bħal kuluri simboliċi kull wiehed qisu fergħa ta' xitla nar theġġeġ minn ruħu. U kien isejjah il-kwadri tal-pinzell tieghu* Fleurs du Mal, *mhux ghax imnisslin mid-dnub bhall-poeżija ta' Baudelaire, imma ghax twieled id-dmugh li hu kien jahbi minn martu biex ma jurihiex ghommtu, meta, flok jaqsam qalbu quddiemha u jitlobha mahfra talli rabatha mieghu fil-ġuħ u l-ghaks, min jaf kemm-il darba, bħal Pagliaccio ta' Leoncavallo, kellu jidhak u jdahhakha; igħallimha tghix bħalu bil-holm ta' Fama li kienet ghad trid taghmel immortali lilu u lilha wkoll bħal għajn safja tal-ispirazzjoni tal-Pittura tieghu.*

*Ghax hu kien żgur mill-qawwa wil-ġenwinità tal-Arti tiegħu; kien żgur li ż-żmien ma kienx jista' għal ruħu. Għal ġismu iva; jista' jeaħħdu, jista' jmarrdu u jista' joqtlu, u fl-aħħar mill-aħħar illum jew għada ż-żmien irid joqtol lil kulħadd, lil dawk li jaħqar u lil dawk li jfissed xorta waħda. B'danakollu! Wara mewtu n-nies li jammiraw l-Opra tal-Ġenju lilu jfaħħruh u jsemmuh. U lil dawk li bħal issa qegħdin gawduti għax għamlu l-flus ħadd ma jsemmihom. U forsi mid-dinja l-oħra missieru jara li kien l-iben li nxteħet għall-Arti, u mhux wiedu l-oħra, li għamel sewwa. Għax jekk dawn għamlu l-flus, hu ħoloq il-ġmiel—ġmiel li kiber ftit ftit ġo fih maż-żmien sakemm infexx barra f'dija ta' kuluri u linji, dellijiet u dwalijiet li huwa waqqaf fuq it-tila għal dejjem. Minn-nies ta' żmienu ma jgħaddih ħadd — igħaddih Alla biss għax Dan, bħal-kwadri tiegħu, kif għanna Dun Karm, "jagħmel mija kull-jum u mija jħassar". Imma lil missieru n-neguzjant u ħutu bil-ħwienet mfawwrin bil-qligħ meta jmutu min ser isemmihom iżjed? Min ser iħabbat rasu bil-bankier X li, għax għadu ħaj u ħafna jridu minnu, kulħadd jaqlagħlu l-kappell u kulħadd iwarrablu halli jgħaddi l-ewwel, kulħadd igħollih u jfaħħru f'wiċċu? L-Arti biss hija l-ħajja l-kbira, wil-pittur jibqa' jpinġi u joħlom ir-rebħa aħħarija li ż-żmien għad irid iġib miegħu, bħal deheb fuq karru tal-ġawhar misjuq minn żwiemel bi ġwienaħ tas-sħab minqux mir-rham ikħal tas-sema—l-aktar rebħa nobbli, ir-rebħa tal-Ġenju*

*U minn-naħa l-oħra marta tiftakar hosbiena fil-kera li jrid jitħallas, fir-razzjon li jrid jinxtara, fil-ħalib tat-tarbija li ma tistax iċċaħħadhulha, fil-kont tal-ħajjata. U biex ma tiksirlux qalbu titbissimlu donnha bħalu qiegħda tithenna bir-rebħ tal-Ġenju li tiġi wara l-Mewt. Jonkella imxabbgħa minn ħajja dejqa, minn ħolm materjalizzat fl-Arti ta' pinzell biss, tipprotesta kontra l-Umanità u tipprova ġġiegħel lil żewġha jifhem li l-Umanità bħala massa hija Bhima Bla Qalb, u jaqbel għalhekk li sakemm hu u hi huma ħajjin jaħseb għall-ħobża tagħhom, u jara kif jagħmel il flus bħal ħutu tan-negozju. U l-Arti? L-Arti min qatt kiel biha! U min qatt gawdieha ħlief min żeblaħha? Wil-pittur, li qabel kollox hu miż-żewweġ ma' Ideal li ma jħallihx kwiet, imejjel rasu rassenjat imut għall-Fidwa tal-Umanità mill-jasar tal-Kruh bħalma Kristu mejjel rasu, rassenjat imut għall-fidwa tal-Umanità mill-jasar tad-Dnub. Għax dak li hu Dnub fl-ordni morali huwa Kruh fl-ordni estetiku. U għalhekk l-Umanità fiż-żewġ ordnijiet għandha bżonn min imut għaliha. "Jeħtieġ li wieħed imut biex isalva poplu", qal Kajfa. u Kristu u l-Artist mietu t-tnejn għalina u għalhekk huma t-tnejn tabilħaqq iż-żewġ feddejja tad-Dinja.*

*Għalhekk Ġesù Kristu, barra Bniedem, Bin il-Bniedem u Alla, kien ukoll l-Akbar Artist għax Huwa miet biex fid-dinja tar-Ruħ tiġi s-saltna tas-Sewwa u tal-Ġmiel. Fih u Miegħu miet ukoll il-Ħallieq*

*tal-Ġmiel. U għal min? Mhux għalihom mietu, għax kieku riedu setgħu nqatgħu mill-Umanità stupida u gawdew weħedhom id-Dehra magħluqa ġo fihom, il-viżjoni tal-Ġmiel Morali u Estetiku — iż-żewġ* searchlights *mahruġin bħal żewġ ilsna tan-nar minn fomm l-Ispirtu Santu mill-Essenza t'Alla nnifsu fuq id-dinja mudlama. Imma d-dinja tara d-dawl wid-dawl ma tridx taf bih, u lil min jagħmel id-dawl għax juriha xturha u kruhitha tibda toboghda sa ma bħat-tigra tħebb għalih, toqtlu u tixroblu demmu. U meta Pilatu—simbolu ta' dawk il-ġwejjef li l-verità jħobbuha imma ma għandhomx il-ħila jiddefenduha—jarga' għal mitt elf darba jsaqsi jekk iridux li hu jeħles lil Kristu-Alla-Artist jonkella lil Barabba-Vulgari-Materjalist, il-Filistej igħajtu b'leħen wieħed: 'Eħles lil Barabba! Sallab lil Kristu u Demmu jixtered fuqna u fuq uliedna'. U Pilatu mwerwer għax ġifa jħalli li Kristu-Alla-Artist jintaxar fuq salib għaż-żeblih tal-Filistej — il-maqdara bla ruh ta' dak kollu li hu Sabih u Qaddis. U dil-ġrajja baqgħet u tibqa' tiġġedded f'dawk kollha li ġeddu fil-persuna tagħhom is-sagrifiċċju tal-Imgħallem għall-umanità antipatika u krudila.*

*Quddiem Barabba fil-għoli jinqalgħu kpiepel, jintlewew irkubtejn, jinfethu bibien u jitkisser il-haqq. Minfuh bih innifsu Barabba, bħal għaġeb tal-ħrafa li biex jixba' kien irid jibla' xebba sabiħa, ġera mad-dinja jibla' l-Ġmiel wis-Sewwa kull fejn iltaqa' magħhom, jaħraq it-triqat ta' mħabbet in-Nazzarenu bin-nirien sewwieda tal-mibegħda. Wiż-żmenijiet firxu l-ġid tad-dinja f'riġlejh, tawh ix-xettru wil-kuruna tas-setgħa, u semmewh Mammona.*

*Madankollu fuq il-muntanja mxemmxa tal-Palestina Kristu għadu jrenni d-Diskors tal-Hniena li tul is-sekli farraġ il-qalb ta' dawk li d-dinja haqrithom u weġġgħethom. "Imberkin dawk li għandhom il-għatx tal-ġustizzja għax is-saltna tas-sema hija tagħhom ... Imberkin dawk li bkew u xerrdu d-dmugħ għax huma jkunu mfarrġin". U Mammona b'leħen ohxon biex jitfi leħen l-Imqaddes igħajjat: "Imberkin dawk li jagħmlu l-flus, jiġimgħu l-ġid għax id-dinja hija tagħhom! Boloh il-fqar li fid-dinja ma għandom xejn għax huma jitgħaffġu taht saqajn il-Qawwi. Boloh dawk li ma jrekknux ġid kemm jifilhu għax jitilfu minn idejhom l-għamex tal-hakma ... dawk li jistagħnew isiru qawwija u jaħkmu l-qlub wil-mohh wil-qima sa ta' dawk li minn għalihom joboghduni. Għax min sa jgħix f'dar fqira jekk jista' jgħix f'palazz? Min se jikkuntenta ruħu b'mitt lira meta jista' jakkwista elf, u b'elf meta jakkwista elfejn, u b'miljun meta jista' jakkwista żewġ miljuni? U minn jikkuntenta li jgħaddi minn triq u ħadd ma jagħti każ tiegħu meta jista' jifrah b'qawwtu jara l kulhadd isellimlu jieqaf jitbaxxa quddiemu? Jiena Mammona Alla tagħkom il-Bnedmin, u ma jkollkomx Alla iehor għajri. U hafna jiċhduni bil-fomm imma jdaħħluni f'darhom u jonorawni, jehduli b'idejja fil-pranzijiet, cock-*

tail parties *u ballijet tas-soċjetà għolja". U Kristu baqa' u jibqa' mdendel fuq salib, waħdu, mitluq mill-kotra l-kbira tan-nies u sa minn ħafna mill-qaddejja Tiegħu li ma għandhomx is-saħħa jisaħru Miegħu għax beżżiegħa jew għax inqabdu fix-xibka tad-Deheb u l-Fidda wil-Frugħa ta' wlied Mammona.*

*U l-Artist ukoll jibqa' msallab u mwarrab — joħloq il-ġmiel għas-serħan tar-ruħ tiegħu, għall-umanità antipatika u stupida, umiljat min-nies tal-ġid wil-flus, il-bejjiegħa wix-xerrejja tas-swieq u l-imħażen. U waqt li hu jqanqeċ u jiċċaħħad, huh jibqa' jagħmel il-flus, ifaddal biex jixtri karrozza, isifer, jitbaħradx u jgawdi—igħix għalih biss, imma jgħix. Għall-Artisti hemm il-Fama ta' wara l-qabar. Wil-Fama tiġi imma meta tiġi jkun ilu li miet. U meta jmut ma jkollu bżonn ta' xejn u ħadd mid-dinja. X'jagħmel, mela, jiġri wara Mammona? Imma l-Ispirtu tal-Ġmiel u s-Sewwa jrossu bejn dirgħajh u ma jħallihx jaħrab.*

*Għalhekk meta żżur xi gallerija jew mużew tal-arti fl-ibliet il-kbar tad-dinja ftakar li dawk id-dehriet tal-ġmiel li qed titgħaxxaq bihom harġu ħafna drabi mill-qalb wil-moħħ ta' nies li sakemm damu ħajjin mhux dejjem sabu biċċa ħobż għalihom u għal marthom, u f'qalbek forsi tħoss imħabba mwaħħra għal min feda din id-dinja kerha bid-dehra ta' realta' soprannaturali. Għax x'kienet tkun id-dinja mingħajr l-Arti? X'kienet tkun il-Ħajja mingħajr il-viżjonijiet tal-Ġmiel?*

*L-Arti, kull arti, hija l-Fidwa tad-dinja mis-saltna tal-Kruħ. Kull arti li tikxef imqar roqgħa waħda mis-sema mistiku ta' dak li hu sabiħ u kbir — Poeżija, Mużika, Skultura — hija l-Fidwa tal-Umanità. Għalhekk kif Kristu feda d-dinja mis-saltna tad-Dnub l-artisti l-kbar fdew id-dinja mis-saltna tal-Kruħ.*

*Mhux Barabba feda l-Bniedem minn taħt id-dwiefer tax-xitan, imma Kristu; u mhux Mammona—in-negozjant il-kbir li jagħsar il-flus minn demm u għaraq ħutu — imma l-artisti l-fqar fdew id-dinja mill-Kruħ. Kristu ta lid-dinja Reliġjon ta' mħabba bla tarf, u l-Artisti tawha r-reliġjon tal-Ġmiel. Wiż-żewġ reliġjonijiet — ir-reliġjon tas-Sewwa wir-reliġjon tas-Sabiħ—huma haġa waħda għax l-Arti tidħol fir-Reliġjon tal-Ispirtu liberu tal-Bniedem. U Mammona għalhekk bagħadhom it-tnejn minn qiegħ qalbu, u għat-tnejn ħalef il-qirda. Żamm fuq il-quċċata tal-Golgota mwaqqfin mal-medda twila tas-snin żewġt islaleb kbar u fuqhom dendel għal dejjem iż-Żewġ Feddeja tal-Umanità—Kristu u l-Artist.*

*Wid-dinja xxarrbet b'demmhom u sehħet il-*Fidwa tad-Dinja!